



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

31 ta' Mejju 2018*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2002/92/KE — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċett ta' 'medjazzjoni fl-assigurazzjoni' — Direttiva 2004/39/KE — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċett ta' 'parir dwar l-investment' — Pariri mogħtija waqt il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni u li jikkonċernaw investment ta' kapital fil-kuntest ta' assicurazzjoni tal-ħajja fuq il-kapital — Klassifikazzjoni tal-attività ta' intermedjarju ta' assicurazzjoni fl-assenza tal-intenzjoni tiegħu li jikkonkludi kuntratt ta' assicurazzjoni effettiv”

Fil-Kawża C-542/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Ottubru 2016, fil-proċedura

Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag

vs

Dödsboet efter Ingvar Mattsson,

u

Jan-Erik Strobel *et,*

Lisa Bergström *et,*

Ann-Christin Jönsson *et,*

Daniel Röme *et,*

vs

Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda (Relatur), E. Juhász, K. Jürimäe u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Settembru 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag, minn P. Sjödin u K. Blomkvist, advokater, kif ukoll minn A. Martin, C. Waering u P. Öhrn, juristes,
- għal J.-E. Strobel *et*, minn J. Larsson, advokat,
- għal L. Bergstöm *et*, minn L. Bengtsson, A. Elison u C. Kronström, advokater,
- għal A.-Ch. Jönsson *et*, minn H. Asklund, advokat,
- għal D. Röme *et*, minn T. Eliasson, advokat,
- għal Gvern Svediż, minn H. Shev, C. Meyer-Seitz u A. Falk kif ukoll minn L. Swedenborg u F. Bergius, bħala aġenti,
- għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, O. Serdula u J. Vlácil, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn K.-Ph. Wojcik u K. Simonsson, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 330).
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima li tikkonsisti f'żewġ kawżi, minn naħa, bejn Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag (iktar 'il quddiem "Länsförsäkringar") u Dödsboet efter Ingvar Mattsson (suċċessjoni ta' Ingvar Mattsson) u, min-naħa l-oħra, bejn Jan-Erik Strobel *et*, Lisa Bergstöm *et*, Ann-Christin Jönsson *et*, kif ukoll Daniel Röme *et* (iktar 'il quddiem, flimkien, "Strobel *et*") u Länsförsäkringar, dwar it-telf ta' somom investiti fi prodotti fil-kuntest ta' assicurazzjoni kapitali sottoskritti minn kumpaniji ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni li kien jagħmel polza ta' assicurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili ma' Länsförsäkringar. (iktar 'il quddiem, flimkien, "Strobel *et*") u Länsförsäkringar, fir-rigward tat-telf ta' ammonti investiti fi prodotti fil-kuntest ta' assicurazzjonijiet tal-ħajja fuq il-kapital sottoskritti ma' kumpaniji ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni li, min-naħa tagħhom, kienu ssottoskrivew assicurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili ma' Länsförsäkringar.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2002/92

3 Il-premessi 8, 9 u 17 tad-Direttiva 2002/92 jistabbilixxu:

“(8) Il-kordinazzjoni ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ħtiġiet professjonali u r-reġistrazzjoni ta’ persuni li jibdedu u jsegwu l-attività ta’ medjazzjoni fl-assigurazzjoni tista’ għalhekk tikkontribwixxi kemm għal kompletezza tas-suq wieħed għas-servizzi finanzjarji u t-tkabbir fil-valur tal-protezzjoni tal-klijent f’dan il-qasam.

(9) Tipi differenti ta’ persuni jew istituzzjonijiet, bħal aġenti, sensara u operaturi ta’ ‘bancassurance’, jistgħu jqassmu prodotti ta’ assicurazzjoni. Ugwaljanza fit-trattament bejn operaturi u l-protezzjoni tal-klijent teħtieġ li dawn il-persuni kollha jew istituzzjonijiet ikunu koperti b’din id-Direttiva.

[...]

(17) Il-koperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti huma essenzjali biex jipproteġu lill-klijent u jassiguraw il-kondizzjoni soda tan-negozju ta’ l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fis-suq wieħed.”

4 L-Artikolu 1(1) ta’ din id-direttiva, intitolat “Kamp ta’ applikazzjoni”, jipprevedi:

“Din id-Direttiva tippreskrivi r-regoli għall-bidu u l-insewiment ta’ l-attivitajiet ta’ medjazzjoni fl-assigurazzjoni u riassigurazzjoni minn persuni naturali jew ġuridiċi li huma stabbiliti fi Stat Membru jew li jixtiequ li jkunu stabbiliti hemmhekk.”

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Definizzjonijiet”, jipprovdi:

“Għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva:

[...]

3) ‘medjazzjoni ta’ assiguarzzjoni’ tfisser attivitajiet ta’ introduzzjoni, proposti jew it-twertieq ta’ xogħol ieħor preparatorju għall-konklużjoni ta’ kuntratti ta’ assicurazzjoni, jew li daww il-kuntratti jiġu konklużi, jew f’għajjnuna fl-amministrazzjoni jew twertieq ta’ daww il-kuntratti, b’mod partikolari fil-każ ta’ talba.

[...]

[...]

5) ‘intermedjarju ta’ assicurazzjoni’ tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li, bi ħlas, tibda jew issegwi medjazzjoni fl-assigurazzjoni;

[...]”

6 Skont l-Artikolu 4(3) u (4) tal-istess direttiva:

“3. L-intermedjarji ta’ assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom ikollhom assigurazzjoni ta’ indemnità professjonali li tkorpi t-territorju kollu tal-Komunità jew xi garanzija oħra komparabbli kontra responsabbiltà li tirriżulta minn negliġenza professjonali, tal-anqas għal EUR 1 000 000 applikabbli għal kull talba u aggregat ta’ EUR 1 500 000 fis-sena għat-talbiet kollha, sakemm dik l-assigurazzjoni jew garanzija komparabbli tkun ġia provduta minn impriża ta’ assigurazzjoni, impriża ta’ riassigurazzjoni jew impriża oħra li għan-nom tagħha l-intermedjarju ta’ assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jkollu s-setgħa li jaġixxi jew dik l-impriża tkun assumiet ir-responsabbiltà sħiħa għall-azzjonijiet ta’ l-intermedjarju.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġu l-klijenti kontra l-inabilità ta’ intermedjarju ta’ assigurazzjoni li jittrasferixxi l-premium ta’ impriża ta’ assigurazzjoni jew li jittrasferixxi l-ammont ta’ talba jew jirritorna l-premium lill-persuna assigurata.

[...]”

7 L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/92, intitolat “Informazzjoni provduta minn intermedjarju ta’ assigurazzjoni”, jipprovdi fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

“2. Meta l-intermedjarju ta’ assigurazzjoni jinforma lill-klijent li jagħti l-parir tiegħu fuq il-bażi ta’ analiżi ġust, huwa obligat li jagħti l-parir fuq il-bażi ta’ analiżi ta’ numru kbir biżżejjed ta’ kuntratti ta’ assigurazzjoni disponibbli fis-suq, biex ikun permess lilu li jagħmel rakkomandazzjoni, skond il-kriterji professjonali, fir-rigward ta’ kuntratti ta’ assigurazzjoni li tkun adegwata biex tilħaq il-ħtiġiet tal-klijent.

3. Qabel il-konklużjoni ta’ xi kuntratt speċifiku, l-intermedjarju ta’ assigurazzjoni għandu ta’ l-anqas jispeċifika, b’mod partikolari fuq il-bażi ta’ informazzjoni provduta mill-klijent, it-talbiet u l-ħtiġiet ta’ dak il-klijent kif ukoll ir-raġunijiet sodi għal xi parir mogħti lill-klijent dwar prodott partikolari ta’ assigurazzjoni. Dawn id-dettalji għandhom jiġu modulati skond il-komplessità tal-kuntratt ta’ assigurazzjoni li jkun ġie propost.”

Id-Direttiva 2004/39/KE

8 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 263), jipprovdi:

“Din id-Direttiva għandha tapplika għad-ditti ta’ l-investment u s-swieq irregolati.”

9 L-Artikolu 2(1) ta’ din id-direttiva jipprovdi:

“Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:

[...]

(ċ) il-persuni li jipprovdu servizz ta’ investment meta dan is-servizz jiġi pprovvdut f’manjiera incidental ta’ fil-kors ta’ attività professjonali u li din l-attività tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji jew minn kodiċi ta’ l-etika li jirregola l-professjoni u li ma jeskludix il-provvediment ta’ dan is-servizz;

[...]

(j) il-persuni li jipprovdu pariri dwar l-investment fil-kors li jipprovdu attività professjonali oħra mhux koperta b'din id-Direttiva sakemm il-provvediment ta' dawn il-pariri ma jkunx imħallas b'mod speċifiku;

[...]"

10 L-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva jinkludi d-definizzjonijiet segwenti:

“Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id- definizzjonijiet li ġejjin:

1) ‘Ditta ta’ investment’ tfisser kull persuna legali li x-xogħol jew kummerċ regolari tagħha huma l-provvediment ta’ servizz jew iktar ta’ investment lil partijiet terzi u/jew it-twettiq ta’ attività jew iktar ta’ investment fuq bażi professjonali;

[...]

(2) ‘Servizzi u attivitajiet ta’ investment’ ifissru kull waħda mis-servizzi u l-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A ta’ l-Anness I li għandhom x’jaqsmu ma’ kull wieħed mill-istrumenti elenkati fit-Taqsima Ċ ta’ l-Anness I;

[...]

[...]

(4) ‘Parir/i dwar l-investment/i’ ifissru l-provvediment ta’ rakkommandazzjonijiet personali lill-klijent, jew fuq it-talba tiegħu jew fuq l-inizjattiva tad-ditta ta’ l-investment, rigward transazzjoni jew iktar li jkollhom x’jaqsmu ma’ l-istrumenti finanzjarji;

[...]

(17) ‘Strument finanzjarju’ ifisser daww l-istrumenti speċifikati fit-Taqsima Ċ ta’ –L-Anness I;

[...]"

11 Fost is-servizzi u l-attivitajiet ta’ investment elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I ta’ din l-istess direttiva hemm, fil-punt 5 ta’ din it-taqsim, il-konsulenza dwar l-investment.

12 L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/39, intitolat “Regoli ta’ kondotta għall-provvista ta’ servizzi ta’ investment lil klijenti”, jipprovdi, fil-paragrafu 9 tiegħu:

“Fil-każijiet meta servizz ta’ investment jiġi offrut bħala parti minn prodott finanzjarju li jkun diġà bla ħsara għal dispożizzjonijiet oħra tal-leġislazzjoni Komunitarja jew ta’ l-i standards komuni Ewropej li jkollhom x’jaqsmu ma’ istituzzjonijiet tal-kreditu u krediti tal-konsumaturi rigward l-istima tar-riskju tal-klijenti u/jew ħtiġijiet tat-tagħrif, dan is-servizz ma għandux ikun bla ħsara b’mod addizzjonali għall-obbligi ddikjarati f’dan l-Artikolu.”

Id-Direttiva 2014/65/UE

- 13 Il-premessa 87 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU 2014, L 173, p. 349), tipprovdi:

“Investimenti li jinvolvu kuntratti ta' assigurazzjoni ta' spiss ikunu disponibbli għall-klijenti bħala alternattivi jew sostituti potenzjali għal strumenti finanzjarji suġġetti għal din id-Direttiva. Biex tingħata protezzjoni konsistenti lill-klijenti mhux professjonali u jkunu żgurati kundizzjonijiet ugwali bejn prodotti simili, hu importanti li prodotti ta' investment abbażi ta' assigurazzjoni jkunu suġġetti għal rekwiżiti xierqa. Minkejja li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-investitur f'din id-Direttiva għandhom għalhekk ikunu applikati b'mod ugwali għal dawk l-investimenti miġbura f'kuntratti ta' assigurazzjoni, l-istrutturi tas-suq differenti tagħhom u l-karatteristiċi tal-prodott jagħmluha aktar xierqa li jkunu stabbiliti rekwiżiti dettaljati fir-reviżjoni li għaddejja tad-Direttiva 2002/92/KE aktar milli jkunu stabbiliti f'din id-Direttiva. Liġi futura tal-Unjoni li tirregola l-attivitajiet tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni u tal-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom għalhekk jiżguraw b'mod xieraq approċċ regolatorju konsistenti dwar id-distribuzzjoni ta' prodotti finanzjarji differenti li jissodisfaw ħtiġijiet simili tal-investitur u għalhekk iqajmu sfidi kumparabbli dwar il-protezzjoni tal-investitur. [...] Dawk ir-rekwiżiti ġodda għal prodotti ta' investment abbażi ta' assigurazzjoni għandhom ikunu stipulati fid-Direttiva 2002/92/KE.”

- 14 L-Artikolu 91 tad-Direttiva 2014/65 jinkludi emendi għad-Direttiva 2002/92. It-tieni paragrafu tal-punt 3 tal-Artikolu 2 ta' din l-aħħar direttiva huwa ssostitwit bit-test li ġej:

“Bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu IIIA ta' din id-Direttiva, dawk l-attivitajiet, meta jitwettqu minn impriża ta' assigurazzjoni jew impjegat ta' impriża ta' assigurazzjoni li jkun qed jaġixxi taħt ir-responsabbiltà tal-impriża ta' assigurazzjoni m'għandhomx jitqiesu li jkunu medjazzjoni tal-assigurazzjoni jew distribuzzjoni ta' assigurazzjoni.”

- 15 Fl-imsemmi Artikolu 2 jiżdied il-punt 13 li jiddefinixxi l-kunċett ta' “prodott ta' investment abbażi ta' assigurazzjoni” bħala “prodott ta' assigurazzjoni li joffri valur fil-maturità jew valur ta' ċessjoni u meta dak il-valur ta' ċessjoni ikunu kompletament jew parzjalment esposti, direttament jew indirettament, għall-fluttwazzjonijiet tas-suq”, bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet.

- 16 Il-Kapitolu IIIa, intitolat “Rekwiżiti addizzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-prodotti ta' investment abbażi ta' assigurazzjoni”, huwa inkluż fid-Direttiva 2002/92. Skont l-Artikolu 13a ta' dan il-kapitolu, intitolat “Kamp ta' applikazzjoni”:

“Soġġett għall-eċċezzjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(3), dan il-Kapitolu jstipula rekwiżiti addizzjonali rigward l-attivitajiet ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni u għall-bejgħ dirett imwettaq mill-impriżi ta' assigurazzjoni meta jitwettqu fir-rigward tal-bejgħ ta' prodotti ta' investment abbażi ta' assigurazzjoni. Ir-riferiment għal dawk l-attivitajiet għandu jkun ta' attivitajiet għad-distribuzzjoni ta' assigurazzjoni.”

Id-dritt Svediż

- 17 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Kapitolu 1 ta' lagen (2005:405) om försäkringsförmedling (il-Liġi (2005:405) dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni, iktar 'il quddiem il-“Liġi dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni”):
- “Il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni tfisser kwalunkwe attività eżerċitata professjonalment li tikkonsisti fi:
- 1) il-preżentazzjoni jew il-proposta ta' kuntratti ta' assicurazzjoni jew it-twertiq ta' xogħlijiet qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assicurazzjoni;
 - 2) il-konklużjoni ta' kuntratti ta' assicurazzjoni fisem terzi; jew
 - 3) l-assistenza fil-ġestjoni u l-implementazzjoni ta' kuntratti ta' assicurazzjoni.”
- 18 Skont l-Artikolu 1 tal-Kapitolu 2 ta' din il-liġi, l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni tista', bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet, tiġi eżerċitata biss wara li tkun inkisbet l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità għas-Sorveljanza Finanzjarja. Tali awtorizzazzjoni hija suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet. Mill-punt 4 tal-Artikolu 5 u mill-punt 2 tal-Artikolu 6 ta' dan il-kapitolu jirriżulta li waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija li l-assigurazzjoni tkun ġiet sottoskritta sabiex tkopri r-responsabbiltà tal-intermedjarju tal-assigurazzjoni li jikkawża dannu billi jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu.
- 19 L-Artikolu 4 tal-Kapitolu 5 tal-Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni tipprovi li l-intermedjarju tal-assigurazzjoni għandu jadatta il-pariri tiegħu għax-xewqat u għall-bżonnijiet tal-klijent, u jirrakkomanda soluzzjonijiet xierqa lil dan tal-aħħar. Meta l-klijent ikun persuna fiżika bi skopijiet prinċipalment mhux kummerċjali, l-intermedjarju għandu wkoll jagħtiha parir ma tiħux miżuri li ma jistgħux jitqiesu bħala xierqa fid-dawl tal-bżonnijiet tagħha, tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha jew ta' ċirkustanzi oħra.
- 20 Skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 5 ta' din il-liġi, l-intermedjarju tal-assigurazzjoni li, intenzjonalment jew b'negliġenza, jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-imsemmi Artikolu 4 huwa obbligat jagħmel tajjeb għad-dannu purament finanzjarju li l-klijent ikun b'mod partikolari ġarrab b'konsegwenza ta' dan.

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

Il-kawża Strobel et vs Länsförsäkringar

- 21 Connecta Fond och försäkring AB (iktar 'il quddiem “Connecta”), kumpannija tal-assigurazzjoni rreġistrata, operat prinċipalment matul is-snin 2004 sa 2010, wara li kisbet l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità għas-Sorveljanza Finanzjarja. Hija kienet sottoskriviet assicurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili ma' Länsförsäkringar, kif preskritta mil-Liġi dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni.
- 22 Matul is-snin, diversi persuni ttrasferixxew somom ta' flus lil Connecta sabiex jinvestuhom fi “prodotti tal-bonds korporattivi ta' Connecta” li kellhom ikunu marbuta ma' assicurazzjoni tal-ħajja fuq il-kapital. Bħala korrispettiv, huma rċewew ċerti dokumenti mingħand Connecta. Madankollu, sussegwentement irriżulta li kien hemm miżapproprjazzjoni tal-ammonti inkwistjoni mid-Direttur Ġenerali ta' Connecta. Dan ġie rrapportat lill-pulizija u l-awtorizzazzjoni mogħtija lil Connecta ġiet irtirata. Id-Direttur Ġenerali miet f'Novembru 2010. Il-patrimonju tiegħu u Connecta ġew iddikjarati insolventi f'Diċembru 2010. Matul is-snin 2004 sa 2010, Connecta kienet ukoll eżerċitat attività ġenwina ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

- 23 Strobel *et*, li għalhekk tilfu somom ta' flus, ressqu kawża kontra Länsförsäkringar u talbu kumpens abbażi tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili sottoskritta minn Connecta, minħabba li din tal-aħħar kellha obbligu ta' kumpens fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 5 tal-Liġi dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni. Huma sostnew li kienu taw istruzzjonijiet lil din tal-aħħar sabiex jinvestu flushom f'assigurazzjonijiet tal-ħajja fuq il-kapital u li, għaldaqstant, is-servizz inkwistjoni kien ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni.
- 24 Länsförsäkringar sostniet, b'mod partikolari, li d-danni ma kinux nibtu mill-attività assicurata peress li l-prodotti inkwistjoni kienu fittizji. Fil-fehma tagħha, l-aġir tad-Direttur Ġenerali ta' Connecta ma kienx jaqa' taħt attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni.
- 25 Il-kawża quddiem il-qorti tal-ewwel istanza nqatgħet favur Strobel *et*. Din tal-aħħar qieset li huma kellhom l-intenzjoni li jissottoskrivu assicurazzjoni tal-ħajja fuq il-kapital u li kellhom raġunijiet li jemmnu li kien hemm medjazzjoni fid-dawl tal-konklużjoni ta' kuntratti tal-assigurazzjoni effettivi. Il-qorti tal-ewwel istanza enfasizzat li, fid-dawl tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-perċezzjoni ġġustifikata ta' Strobel *et* dwar l-intenzjonijiet tad-Direttur Ġenerali ta' Connecta kienet timmilita favur il-konklużjoni li kien hemm medjazzjoni fl-assigurazzjoni. Barra minn hekk, din il-qorti qieset ukoll li, ladarba tali medjazzjoni tinkludi x-xogħol preparatorju u li Connecta kienet ukoll eżerċitat attività ġenwina ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni, il-fatti kif kienu seħħew oġġettivament kienu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni".
- 26 Adita b'appell kontra din id-deċiżjoni, il-qorti tal-appell iddeċidiet li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-konsumatur ma jeżiġix li tingħata attenzjoni għall-opinjoni suġġettiva tal-konsumatur dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni u li, f'dan il-każ, ma setax ikun hemm, oġġettivament, kwistjoni ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni.
- 27 Il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja) tirrileva li, skont il-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92, il-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" jinkludi wkoll xogħlijiet preparatorji u għalhekk ma jeżiġix, sabiex din id-direttiva tapplika, li kuntratt ta' assicurazzjoni jkun ġie effettivament konkluż. Din il-qorti tistaqsi madankollu dwar ir-rilevanza, f'dan ir-rigward, tal-intenzjoni tal-intermedjarju tal-assigurazzjoni dwar il-konklużjoni ta' tali kuntratt, kif ukoll tal-perċezzjoni tal-konsumatur.

Il-kawża Länsförsäkringar vs Dödsboet efter Ingvar Mattsson

- 28 F'Jannar 2010, wara parir mogħti minn impjegat ta' European Wealth Management Group AB (iktar 'il quddiem "EWMG"), li hija kumpannija ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni, Ingvar Mattsson, fil-kuntest ta' assicurazzjoni tal-ħajja fuq il-kapital, investa SEK 500 000 (madwar EUR 50 000) f'ċertifikat ta' investment, li huwa strument finanzjarju strutturat. Dan l-investment, sussegwentement, tilef il-valur kollu tiegħu.
- 29 EWMG kienet issottoskriviet assicurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili ma' Länsförsäkringar, kif previst mil-Liġi dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni. Skont il-kundizzjonijiet ta' din l-assigurazzjoni, din tirrigwarda attività koperta mill-imsemmija liġi u tikkonsisti f'obbligu ta' kumpens, fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 5 ta' din tal-aħħar.
- 30 Peress li ġie ddikjarat il-falliment ta' EWMG, Ingvar Mattsson ressaq kawża kontra Länsförsäkringar. Huwa sostna, minn naħa, li EWMG kienet intenzjonalment jew b'negliġenza naqset milli teżegwixxi l-obbligi tagħha fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 5 tal-Liġi dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni u għaldaqstant kienet obligata tħallsu kumpens. Min-naħa l-oħra, dan l-aġir kien jikkostitwixxi avveniment assigurat skont l-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili sottoskritta minn EWMG.

- 31 Länsförsäkringar irrikonoxxiet li l-medjazzjoni dwar l-assigurazzjoni tal-ħajja fuq il-kapital kienet, fiha nnifisha, tagħmel parti mil-Liġi dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni. Hija madankollu sostniet, b'mod partikolari, li l-pariri mogħtija minn EWMG ma kinux jikkonċernaw din l-assigurazzjoni tal-ħajja fuq il-kapital, iżda investiment fl-istrument finanzjarju li kien marbut magħha. Konsegwentement, tali pariri ma kinux koperti mill-imsemmija assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili.
- 32 Peress li l-kawżi quddiem il-qorti tal-ewwel istanza u tal-appell inqatgħu favur Ingvar Mattsson, Länsförsäkringar ressqet kawża quddiem il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema), filwaqt li rrikonoxxiet li EWMG kienet aġixxiet b'negliġenza. Din il-qorti tal-aħħar tistaqsi jekk il-pariri pprovduti fil-kuntest ta' assigurazzjoni tal-ħajja fuq il-kapital, li ma jikkonċernawx fihom infushom l-iffirmar tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, iżda investiment ta' kapital, jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/92, li l-Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni jikkostitwixxi t-traspożizzjoni tagħha fid-dritt Żvediż, jew tad-Direttiva 2004/39, jew ta' dawn iż-żewġ direttivi.
- 33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- “1) (a) Id-Direttiva 2002/92 tkopri attività fejn intermedjarju fl-assigurazzjoni ma kellu l-ebda intenzjoni li jikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni reali? Huwa rilevanti jekk din l-intenzjoni kienet assenti qabel ma bdiet l-attività jew bdiet teżisti biss sussegwentement?
- (b) Fis-sitwazzjoni prevista fid-domanda 1(a), huwa rilevanti jekk l-intermedjarju wettaqx ukoll attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni xierqa flimkien ma' attività fittizja?
- (c) Fis-sitwazzjoni prevista fid-domanda 1(a) ukoll, huwa rilevanti li l-attività dehret, prima facie, lill-klijent bħala xogħol preparatorju għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni? Il-fehma tal-klijent, kemm jekk fondata jew infondata, ta' jekk kinitx involuta l-medjazzjoni fl-assigurazzjoni, hija ta' xi rilevanza?
- 2) (a) Id-Direttiva 2002/92 tirregola l-pariri, ekonomiċi jew mod ieħor, mogħtija b'konnessjoni mal-medjazzjoni fl-assigurazzjoni iżda li bħala tali ma jikkonċernawx l-iffirmar attwali jew il-kontinwazzjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni? F'dan ir-rigward, x'japplika, b'mod partikolari, fir-rigward ta' pariri dwar it-tqegħid tal-kapital fil-kuntest ta' assigurazzjoni ta' kapital?
- (b) Il-pariri msemmija fid-domanda 2(a), fejn, b'definizzjoni, jikkostitwixxu pariri dwar l-investiment skont id-Direttiva 2004/39 (2), huma wkoll jew minflok koperti mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva? Jekk dawn il-pariri huma koperti wkoll mid-Direttiva 2004/39, sett ta' regoli wieħed jieħu preċedenza fuq l-ieħor?”

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 34 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, li l-partijiet kollha tagħha għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 għandux jiġi interpretat fis-sens li t-twettiq ta' xogħlijiet preparatorji għall-konklużjoni ta' kuntratt tal-assigurazzjoni jaqa' taħt il-kunċett ta' “medjazzjoni fl-assigurazzjoni”, anki fl-assenza tal-intenzjoni tal-intermedjarju tal-assigurazzjoni kkonċernat li jikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni effettiv.
- 35 Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2002/92, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha jinkludi, b'mod partikolari, l-eżerċizzju tal-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni, li fir-rigward tagħha d-Direttiva tistabbilixxi regoli.

- 36 Għal dan il-għan, il-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" huwa ddefinit fl-ewwel paragrafu tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva bħala "attivitàjiet ta' introduzzjoni, proposti jew it-twertieq ta' xogħol ieħor preparatorju għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assicurazzjoni, jew li daww il-kuntratti jiġu konklużi, jew f'għajjnuna fl-amministrazzjoni jew twertieq ta' daww il-kuntratti, b'mod partikolari fil-każ ta' talba".
- 37 Mill-fatt li l-attivitàjiet elenkati f'din id-dispożizzjoni huma ppreżentati bħala alternattivi jsegwi li kull waħda minnhom tikkostitwixxi, fiha nnifisha, attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni. Il-qorti tar-rinviju u l-partijiet kkonċernati kollha msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li taw il-fehma tagħhom dwar dan is-suġġett fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom jaqblu li t-twertieq ta' xogħlijiet preparatorji għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assicurazzjoni jaqa' taħt il-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" indipendentement minn jekk iwassalx għall-konklużjoni ta' tali kuntratti.
- 38 Madankollu, Länsförsäkringar hija tal-fehma li tali xogħlijiet preparatorji jikkostitwixxu medjazzjoni fl-assigurazzjoni fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 biss jekk, meta jwettaqhom, l-intermedjarju tal-assigurazzjoni jkollu l-intenzjoni li jikkonkludi kuntratti ta' assicurazzjoni effettivi. Hija għalhekk tqis li, fil-kawża *Strobel et vs Länsförsäkringar*, ma kienx hemm medjazzjoni fl-assigurazzjoni fil-każ tal-misapproprjazzjoni mid-Direttur Ġenerali ta' Connecta tal-ammonti mħallsa minn *Strobel et* f'dik il-kawża minkejja li dawn l-ammonti kienu intiżi għall-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti.
- 39 Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-eżerċizzju tal-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni li jikkonsisti fit-twertieq ta' xogħlijiet preparatorji għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assicurazzjoni, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, huwiex suġġett għall-eżistenza tal-intenzjoni tal-intermedjarju ta' assicurazzjoni li jikkonkludi dawn il-kuntratti, għandu jifakkar li, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet persegwiti mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2018, *Piotrowski*, C-367/16, EU:C:2018:27, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 40 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kliem tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92, jirriżulta, b'mod partikolari, mit-termini "attività", "preżentazzjoni", "tipproponi", "jitwertqu" u "jgħinu" li l-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" huwa ddefinit b'riferiment biss għall-passi oġġettivament meħuda mill-intermedjarju tal-assigurazzjoni. Min-naħa l-oħra, ebda terminu f'din id-dispożizzjoni ma jista' jiġi interpretat bħala li jindika li, sabiex jiġu kklassifikati bħala medjazzjoni fl-assigurazzjoni, l-attivitàjiet msemmija fid-dispożizzjoni għandhom ikollhom intenzjoni partikolari min-naħa ta' dan l-intermedjarju.
- 41 Sussegwentement, fir-rigward tal-kuntest ta' din id-dispożizzjoni, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2002/92 jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiproteġu l-klijenti kontra l-inabbiltà tal-intermedjarju tal-assigurazzjoni li jittrasferixxi l-primjum lill-impriża tal-assigurazzjoni. Fin-nuqqas ta' preċiżjoni kuntrarja, hemm lok li jitqies li din id-dispożizzjoni hija intiża għall-protezzjoni tal-konsumaturi kontra kwalunkwe nuqqas tal-imsemmi intermedjarju li jwettaq tali trasferiment, indipendentement mir-raġuni. Konsegwentement, din il-protezzjoni għandha tkopri l-impossibbiltà li jiġi ttrasferit tali primjum lill-impriża tal-assigurazzjoni meta jkun hemm misapproprijazzjoni tal-imsemmi primjum minn impjegat tal-kumpannija intermedjarja fil-kuntest tat-twertieq ta' xogħlijiet preparatorji għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' assicurazzjoni.
- 42 Fl-aħħar nett, għandu jifakkar li din id-direttiva għandha bħala għan, hekk kif jirriżulta mill-premessi 8, 9 u 17 tagħha, it-titjib tal-protezzjoni tal-konsumaturi fil-qasam tal-medjazzjoni fl-assigurazzjoni. Għal dan il-għan, kif previst fil-premessa 9 tagħha, kull persuna u istituzzjoni li jqassmu prodotti ta' assicurazzjoni għandhom jiġu koperti mill-imsemmija direttiva. L-ewwel nett, l-issuġġettar tal-inklużjoni ta' attività fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-istess direttiva għall-intenzjoni

suġġettiva tal-intermedjarju tal-assigurazzjoni li jeżerċita dik l-attività tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali, għad-detriment tal-klijenti ta' dak l-intermedjarju. It-tieni nett, kif osservat il-Kummissjoni, tali sitwazzjoni legali jkollha l-konsegwenza li l-intermedjarju tal-assigurazzjoni jista' jinvoka l-aġir frawdolenti tiegħu sabiex jevita r-responsabbiltà tiegħu fir-rigward tal-klijenti tiegħu skont id-Direttiva 2002/92.

- 43 Minn dak li ntqal isegwi li t-tweġġ ta' xogħlijiet preparatorji għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assicurazzjoni huwa kunċett oġġettiv. Għaldaqstant, dan jikkostitwixxi attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, indipendentement mill-intenzjoni tal-intermedjarju ta' assicurazzjoni li jikkonkludi jew le l-imsemmija kuntratti.
- 44 Minn dan isegwi li l-mument li fih ikun hemm l-assenza ta' intenzjoni ta' intermedjarju li jikkonkludi kuntratti tal-assigurazzjoni kif ukoll il-perċezzjoni suġġettiva tal-klijenti kkonċernati dwar l-attività tal-imsemmi intermedjarju li tikkonsisti fit-tweġġ tax-xogħlijiet preparatorji għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assicurazzjoni huma irrilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' din l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.
- 45 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li l-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqa' taħt il-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" it-tweġġ ta' xogħlijiet preparatorji għall-konklużjoni ta' kuntratt tal-assigurazzjoni, anki fl-assenza tal-intenzjoni tal-intermedjarju tal-assigurazzjoni kkonċernat li jikkonkludi kuntratt ta' assicurazzjoni effettiv.

Fuq it-tieni domanda

- 46 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li l-partijiet tagħha għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-pariri finanzjarji marbuta mal-investment ta' kapital mogħtija fil-kuntest ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assicurazzjoni tal-ħajja fuq il-kapital jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/92 jew tad-Direttiva 2004/39 u, fil-każ li dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ direttivi, jekk l-applikazzjoni ta' waħda minn dawk id-direttivi għandhiex tipprevali fuq l-oħra.

Fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/92

- 47 Kif jirriżulta mill-punti 35 u 36 ta' din is-sentenza, sabiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2002/92, attività għandha tikkorrispondi ma' waħda minn dawk imsemmija fil-punt 3 tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, li jiddefinixxi l-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni".
- 48 Sa fejn l-attivitajiet kollha elenkati f'din id-dispożizzjoni jirrigwardaw kuntratt ta' assicurazzjoni, għandu jiġi eżaminat, l-ewwel nett, jekk kuntratt ta' assicurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxi "kuntratt ta' assicurazzjoni", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.
- 49 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li d-Direttiva 2002/92 ma tipprovdi ebda definizzjoni tal-kunċett ta' "kuntratt ta' assicurazzjoni", u lanqas ma tirreferi espressament għad-dritt tal-Istati Membri dwar dan il-punt. Għalhekk, kif jirriżulta kemm mir-rekwiżiti tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza, il-portata tat-terminu "kuntratt ta' assicurazzjoni" għandha tiġi identifikata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest ta' din id-direttiva, u għandha tiġi interpretata b'mod awtonomu u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha, (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, González Alonso, C-166/11, EU:C:2012:119, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 50 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni, f'kuntesti differenti, tikkonstata li t-tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni huma kkaratterizzati, b'mod ġeneralment aċċettat, mill-fatt li l-assigurat jintrabat, bi ħlas bil-quddiem ta' primjum, li jipprovdi lill-assigurat, fil-każ li jimmaterjalizza r-riskju kopert, is-servizz miftiehem meta ġie konkluż il-kuntratt (sentenzi tal-25 ta' Frar 1999, CPP, C-349/96, EU:C:1999:93, punt 17, u tas-26 ta' Marzu 2015, Litaksa, C-556/13, EU:C:2015:202, punt 28). Tali tranżazzjonijiet jimplikaw, min-natura tagħhom, l-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornitur tas-servizz ta' assigurazzjoni u l-persuna li r-riskji tagħha jkunu koperti mill-assigurazzjoni, jiġifieri l-assigurat (sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Aspiro, C-40/15, EU:C:2016:172, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 51 Minn dan isegwi li, sabiex jaqa' taħt il-kunċett ta' "kuntratt ta' assigurazzjoni" skont il-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92, kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jistipula l-ħlas ta' primjum mill-persuna assigurata u li, bħala korrispettiv għal dan il-ħlas, il-provvista ta' servizz mill-assigurat fil-każ tal-mewt tal-assigurat jew l-okkorrenza ta' avveniment ieħor imsemmi f'dan il-kuntratt. F'dan il-każ, jidher, bla h'sara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, li l-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa kuntratt ta' assigurazzjoni fis-sens tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq, fatt li ma huwiex ikkontestat minn Länsförsäkringar.
- 52 Għaldaqstant, tqum id-domanda, it-tieni nett, jekk parir finanzjarju, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistax jaqa' taħt l-attivitajiet elenkati fil-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92, meta huwa pprovdut fil-kuntest ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni relatat mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital.
- 53 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-attivitajiet huma deskritti f'termini ġenerali. B'mod partikolari, dawn jikkonsistu mhux biss fil-preżentazzjoni u fil-proposta ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, iżda wkoll fit-twettiq ta' xogħol preparatorju ieħor għall-konklużjoni tagħhom, mingħajr ma n-natura tax-xogħlijiet preparatorji msemmija tkun limitata bi kwalunkwe mod.
- 54 Skont il-qorti tar-rinviju, il-pariri finanzjarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu jikkonċernaw l-investment ta' kapital f'ċertifikat ta' investment fil-kuntest ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni. Barra minn hekk, mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Svediż jirriżulta li dan il-kapital kien jikkonsisti fi primjums tal-assigurazzjoni mħallsa fil-prodott inkwistjoni. Għaldaqstant, hemm lok li jitqies li l-imsemmija dispożizzjoni tikkostitwixxi parti integrali mill-kuntratt ta' assigurazzjoni u li, konsegwentement, parir dwar din l-istess dispożizzjoni jikkostitwixxi xogħol preparatorju għall-konklużjoni tal-imsemmi kuntratt tal-assigurazzjoni.
- 55 Tali interpretazzjoni hija, barra minn hekk, konformi mal-għan persegwit mid-Direttiva 2002/92 intiż, kif ġie mfakkar fil-punt 42 ta' din is-sentenza, għat-titjib tal-protezzjoni tal-konsumaturi fil-qasam tal-medjazzjoni fl-assigurazzjoni. Fil-fatt, minn dan jirriżulta li l-pariri inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma suġġetti, b'mod partikolari, għar-reqwiziti li jinsabu fl-Artikolu 12(2) u (3) ta' din id-direttiva, li permezz tagħhom l-intermedjarju tal-assigurazzjoni, meta jinforma lill-klijent li huwa jipprovdi l-pariri tiegħu abbażi ta' analiżi imparzjali, huwa obligat, minn naħa, li jagħti tali pariri abbażi ta' analiżi ta' numru suffiċjenti ta' kuntratti tal-assigurazzjoni offerti fis-suq sabiex jirrakkomanda dak li huwa adattat għall-bżonnijiet tal-klijent u, min-naħa l-oħra, li jippreċiża minn tal-inqas, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni speċifiku, ir-reqwiziti u l-bżonnijiet tal-imsemmi klijent kif ukoll ir-raġunijiet li jimmotivaw kull parir mogħti dwar prodott partikolari ta' assigurazzjoni, u dawn id-dettalji għandhom jiġu adattati skont il-kumplessità tal-kuntratt propost.
- 56 L-interpretazzjoni msemmija fil-punt 54 ta' din is-sentenza hija wkoll ikkorroborata mid-Direttiva 2014/65, li ma kinitx fis-seħħ meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, li emendat id-Direttiva 2002/92 biż-żieda ta' kapitolu ġdid IIIa, intitolat "Rekwiżiti addizzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-prodotti ta' investment ibbażati fuq l-assigurazzjoni". Dawk il-prodotti

issa huma ddefiniti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92, f'paragrafu 13 ġdid, bħala prodotti tal-assigurazzjoni li joffru valur fil-maturità jew valur ta' ċessjoni li huwa kompletament jew parzjalment espost, direttament jew indirettament, għall-fluttwazzjonijiet tas-suq.

- 57 Minn din id-definizzjoni jirriżulta li prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assigurazzjoni, l-istess bħall-kuntratt ta' assicurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jinvolvi element ta' investiment li huwa suġġett għal żviluppi fis-swieq finanzjarji. Madankollu, id-Direttiva 2014/65 ma introduċiet ebda emenda fid-definizzjoni ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni li tinsab fl-ewwel subparagrafu tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92, li jfisser li l-pariri dwar tali element ta' investiment jikkostitwixxu attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni, kif iddefinit f'din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-imsemmi Kapitolu IIIa jinkludi rekwiżiti "supplimentari" fir-rigward ta' prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni jindika li l-medjazzjoni ta' tali prodotti diġà kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/92 qabel l-emenda tagħha mid-Direttiva 2014/65.
- 58 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-pariri finanzjarji marbuta mal-investment ta' kapital mogħtija fil-kuntest ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assicurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/92.

Fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/39

- 59 Fir-rigward tad-Direttiva 2004/39, huwa minnu li l-pariri finanzjarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu, fihom infushom, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "parir dwar l-investment", kif iddefinit fil-punt 4 tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, sakemm l-investment ikkonċernat jista' jiġi kklassifikat bħala "strument finanzjarju" li, skont il-punt 17 tal-istess paragrafu, hemm riferiment għalih fit-Taqsima C tal-Anness I ta' dik id-direttiva.
- 60 Tali konsulenza finanzjarja għalhekk tista', bħala prinċipju, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2004/39 sa fejn, skont il-punt 2 tal-Artikolu 4(1) u l-punt 5 tat-Taqsima A tal-Anness I ta' din id-direttiva, jikkostitwixxi servizz tal-investment u sa fejn, skont il-punt 1 ta' dak il-paragrafu, l-intermedjarju tal-assigurazzjoni jista' jiġi kklassifikat bħala "kumpannija ta' investiment" fejn din tal-aħħar tagħti tali pariri bħala xogħol regolari jew attività kummerċjali.
- 61 Madankollu, l-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2004/39 jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar, persuni li jipprovdu servizz ta' investiment meta dan is-servizz jiġi pprovdut b'mod anċillari matul attività professjonali u din l-attività tkun irregolata minn dispożizzjonijiet legali jew regolatorji jew minn kodiċi tal-etika li jirregola l-professjoni u li ma jeskludix il-provvista ta' dan is-servizz.
- 62 Madankollu, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-attività professjonali ta' intermedjarju tal-assigurazzjoni tikkonsisti, skont l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2002/92, fil-medjazzjoni fl-assigurazzjoni. Sa fejn tali intermedjarju jipproponi, fost il-prodotti tal-assigurazzjoni disponibbli, prodott bħall-assigurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jitqies li l-pariri dwar investiment ta' kapital użat f'dak il-prodott għandhom jiġu pprovduti fuq bażi anċillari, peress li huma pprovduti fil-kuntest ta' attività ta' medjazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt tal-assigurazzjoni, attività li hija suġġetta għal dispożizzjonijiet leġiżlattivi tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk tad-Direttiva 2002/92.
- 63 Il-fatt, irrilevat mill-Gvern Svediż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li intermedjarju ta' assicurazzjoni jipprovdi tali pariri regolarment jew frekwentement, huwa għalhekk irrilevanti, sa fejn dawn jiġu pprovduti kull darba fil-kuntest ta' medjazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assicurazzjoni.

- 64 L-esklużjoni prevista fl-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2004/39 hija, barra minn hekk, konformi mal-istruttura din id-direttiva sa fejn, taħt ċerti kundizzjonijiet, is-servizzi jew l-attivitajiet ta' investiment li huma offerti fil-kuntest ta' attività oħra rregolata huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni jew mill-obbligi tagħha. Għalhekk, l-Artikolu 2(j) ta' din id-direttiva jipprevedi l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva ta' persuni li jipprovdu pariri dwar l-investment matul l-eżerċizzju ta' attività professjonali oħra mhux koperta b'din id-direttiva, sakemm il-provvista ta' dawn il-pariri ma tkunx speċifikament remunerata.
- 65 Bl-istess mod, l-Artikolu 19(9) tad-Direttiva 2004/39 jipprevedi li servizz ta' investiment offrut bħala parti minn prodott finanzjarju li huwa diġà suġġett għal dispożizzjonijiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew għal standards komuni Ewropej ma għandux ikun suġġett għall-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu 19, anki jekk dawn l-obbligi ma jkunux identiċi għal dawk previsti fl-imsemmija dispożizzjonijiet jew standards (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Genil 48 u Comercial Hosteleria de Grandes Vinos, C-604/11, EU:C:2013:344, punt 45 kif ukoll 46).
- 66 Kuntrarjament għal dak li jsostnu Länsförsäkringar u l-Gvern Svediż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, l-affermazzjoni li tgħid li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/39 jipprevedu regoli ta' protezzjoni fir-rigward ta' servizzi ta' investiment iktar estiżi minn dawk previsti fid-Direttiva 2002/92, anki jekk korretta, ma tistax minnha nnifisha twassal sabiex pariri, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/39, li l-Artikolu 2(ċ) tagħha jeskludi tali pariri meta jiġu pprovduti fil-kuntest ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital.
- 67 F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2014/65, li tħassar u tikkostitwixxi riformulazzjoni tad-Direttiva 2004/39, kif jirriżulta mill-premessa 87 tagħha, introduċiet rekwiżiti ġodda, fid-Direttiva 2002/92, li jsaħħu l-protezzjoni tal-investituri fir-rigward ta' prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, sabiex tiżgura, fid-dritt tal-Unjoni li jirregola l-attivitajiet tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni u tal-impriżi tal-assigurazzjoni, approċċ regolatorju konsistenti dwar id-distribuzzjoni ta' prodotti finanzjarji differenti.
- 68 Barra minn hekk, din il-premessa tikkorroborra l-interpretazzjoni li l-pariri inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/39 peress li tipprevedi li r-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/65 dwar il-protezzjoni tal-investituri għandhom japplikaw bl-istess mod għal prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, li jfisser li dawn il-prodotti ma kinux suġġetti għar-regoli ta' protezzjoni previsti mid-Direttiva 2004/39.
- 69 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-pariri finanzjarji marbuta mad-dispożizzjoni ta' kapital mogħtija fil-kuntest ta' medjazzjoni ta' assigurazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/39.
- 70 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda għandha tkun li l-pariri finanzjarji marbuta mal-investment ta' kapital mogħtija fil-kuntest ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/92 u mhux taħt dak tad-Direttiva 2004/39.

Fuq l-ispejjeż

- 71 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Il-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqa' taħt il-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" it-twertiq ta' xogħlijiet preparatorji għall-konklużjoni ta' kuntratt tal-assigurazzjoni, anki fl-assenza tal-intenzjoni tal-intermedjarju tal-assigurazzjoni kkonċernat li jikkonkludi kuntratt ta' assicurazzjoni effettiv.
- 2) Il-pariri finanzjarji marbuta mal-investment ta' kapital mogħtija fil-kuntest ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assicurazzjoni għall-ħajja fuq il-kapital jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/92 u mhux taħt dak tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE.

Firem